

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

18.4.2007

B6-0154/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex tagħlaq id-dibattitu fuql-istqarrijiet tal-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

imressqa minn Alexander Lambsdorff, Sophia in 't Veld, Lapo Pistelli,
Margarita Starkevičiūtė and Anneli Jäätteenmäki

f'isem il-Grupp ALDE

dwar ir-relazzjonijiet UE/Stati Uniti ta' l-Amerika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet UE/Stati Uniti ta' l-Amerika

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-summit li ġej bejn l-Istati Uniti u l-UE li se jsir fit-30 ta' April 2007 f'Washington,
 - Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qafas ta' Ftehim ta' Sħubija Transatlantika u dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u l-Istati Uniti,
 - wara li kkunsidra s-summit li ġej bejn l-Istati Uniti u l-UE li se jsir fit-30 ta' April 2007 f'Washington,
- A. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti huma l-pedament ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni u huma stabbiliti fuq valuri komuni bħal-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, kif ukoll jagħtu appoġġ lill-ekonomiji sostenibbli u l-iżvilupp sostenibbli,
- B. billi valuri bħal dawn għandhom rwol ewlieni f'kull konsiderazzjoni fil-futur ta' l-elementi fundamentali tas-Sħubija Transatlantika,
- C. billi n-negozju u l-investiment bejn l-UE u l-Istati Uniti jammonta għal madwar biljun dollaru kuljum u kważi 40% tal-kummerċ dinji, li l-biċċa l-kbira tiegħu jsir mingħajr diffikultajiet jew kontroversja,
- D. billi l-għadd totali tal-ħaddiema transatlantiċi jikkostitwixxi bejn wieħed u ieħor madwar 12 u 14-il miljun, u jiffirma dimensjoni importanti tar-relazzjoni reċiproka tagħna;
- E. billi, kif turi b'mod ċar l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà, is-Sħubija Transatlantika u n-NATO huma importanti ħafna għas-sigurtà kollettiva,
- F. billi l-iżvilupp paċifiku tas-soċjetajiet demokratiċi fil-Lvant Nofsani li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u li jiggarrantixxu l-pluraliżmu politiku għandhom ikunu l-għan strateġiku ċentrali tal-politika barranija kemm ta' l-unjoni Ewropea u ta' l-Istati Uniti; billi din l-assistenza għandha tkun ikkordinata aħjar u għandha tkun iffokata fuq is-soluzzjoni ta' konflitti, il-promozzjoni tad-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli,
- G. billi, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, huwa neċessarju li tkun enfasizzata l-importanza li l-liġi internazzjonali u t-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jkunu rispettati b'mod sħiħ,
- H. billi f'dawn l-aħħar snin bosta ftehimiet imqanqla mir-rekwiżiti ta' l-Istati Uniti u

adottati mingħajr involviment tal-Parlament, b'mod partikulari l-ftehma dwar il-PNR, il-memorandum SWIFT u l-eżistenza tas-Sistema Awtomatizzata ta' Identifikar ta' l-Istati Uniti (ATS), wasslu għal sitwazzjoni ta' inċertezza legali fir-rigward tal-garanziji meħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta u għall-iskambju u t-trasferiment ta' dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti għal skopijiet ta' sigurtà pubblika u, b'mod partikulari, għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu

- I. billi s-servizzi finanzjarji huma kwistjoni ewlenija għar-relazzjonijiet UE/Stati Uniti, meta jitqiesu l-interkonnexxjonijiet dejjem jiżdienu; billi aktar kooperazzjoni msaħħa u konverġenza regolatorja bejn l-UE u l-Istati Uniti jkollha impatt pożittiv fuq il-gvernijiet, l-industriji u l-konsumaturi,
 - J. billi huwa fl-interess taż-żewġ blokki ekonomiċi ewlenin li jkun hemm l-istess kundizzjonijiet bejn l-Istati Uniti u l-UE fir-regolament tas-servizzi finanzjarji, u billi huwa neċessarju li tkun evitata id-“diż-armonizzazzjoni” u regoli imposti unilateralmint minn parti jew minn ieħor li jistgħu jdgħajfu l-attentati li jinħolqu dawn il-kundizzjonijiet,
 - K. billi d-Djalogu Regolatorju għas-Suq Finanzjarju Transatlantiku issa hu stabbilit sew iżda għad hemm bżonn li jkun imbuttat ‘l quddiem b’mod speċjali f’oqsma bħar-regolament ta’ l-aġenziji ta’ klassifika tad-debituri (‘credit rating agencies’ – CRAs), il-verifika, id-dereġistrazzjoni, ir-rijassigurazzjoni, il-kontabilità u Basel II,
1. Jinsisti li, sabiex ikun hemm garanzija ta’ prosperità u s-sigurtà, fis-summit li jmiss għandha tingħata prijorità li jkunu mmirati numru limitat ta’ oqsma bħal ma huma l-konsolidazzjoni tad-demokrazija, is-sigurtà tal-bniedem u l-ġlieda kontra organizzazzjonijiet terroristiċi, il-kontroll tal-migrazzjoni, id-djalogu interkulturali, is-sigurtà ta’ l-enerġija, il-bidla fil-klima, il-kontroll ta’ l-armamenti u d-diżarm, in-non-proliferazzjoni tad-WMDs u l-kontribut għat-tnaqqis fil-faqar u tat-twettiq ta’ l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp;
 2. Jirrakomanda li jittieħdu passi sabiex jissaħħu r-relazzjonijiet transatlantiċi ma’ l-Istati Uniti permezz ta’ Ftehma ġdida ta’ Sħubija Transatlantika li tissostitwixxi l-Aġenda Ġdida Transatlantika li teżisti bħalissa; f’dan ir-rigward jissuġġerixxi t-twaqqif ta’ mekkaniżmu ta’ reviżjoni regolari għal dan it-tip ta’ Ftehma ġdida ta’ Sħubija Transatlantika, li permezz tagħha esperti mill-UE u mill-Istati Uniti jistinkaw kostantement biex itejbu s-Sħubija Transatlantika sabiex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħha; jisħaq li huwa biss l-involviment usa’ fuq il-livelli kollha tal-Kungress, tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali li jagħmilha possibbli sabiex verament jissaħħaħ il-proċess kollu u li l-iskambju interparlamentari eżistenti għandu jkun trasformat gradwalment f’“Assemblea Transatlantika” de facto;
 3. Jistieden lill-Kunsill u lill-amministrazzjoni ta’ l-Istati Uniti sabiex jintensifikaw l-isforzi, fi ħdan il-qafas tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani sabiex jitrawmu n-negozjati bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani għal soluzzjoni ta’ paċi komprensiva fuq il-bażi ta’ żewġ Stati sikuri u vijabbli; jappoġġja s-sejħa tal-Kwartett għall-assistenza internazzjonali kontinwa lill-poplu Palestinjan; huwa ta’ l-opinjoni li għandu jsir kull sforz sabiex is-sitwazzjoni fil-Libanu tiġi stabilizzata;

4. Jinnota bi tħassib kbir li d-dikkjarazzjoni ta' l-Iran li għandha l-ħsieb tibda l-arrikkament ta' l-uranju fuq skala industrijali; pass bħal dan min-naħa ta' l-Iran jikkontradixxi direttament it-talbiet ripetuti mill-Bord tal-Gvernaturi ta' l-IAEA u s-sejħiet li jorbtu lill-Iran mill-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU, fir-Riżoluzzjonijiet 1737 u 1747, sabiex jissospendu l-attivitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-arrikkament.
5. Jistieden lill-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea biex tteġġegħ lill-Iran sabiex tikkonforma mad-domanda tal-komunità internazzjonali u sabiex toħloq il-kundizzjonijiet għal ritorn għall-mejda tat-taħdidiet u għal soluzzjoni għall-kunflitt dwar il-programm nukleari ta' l-Iran.
6. Ifakkar li t-trattati viġenti allokaw s-sovranità fuq is-sistema tad-difiża bil-missili lill-Istati Membri u jisħaq dwar il-fatt li l-UE mhix alleanza difensiva iżda għandha politika esterna u ta' sigurtà u għandha tiddiskuti s-sistema proposta mill-Istati Uniti għal sistema ta' difiża anti-missili fl-istrutturi ta' l-Atlantiku;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar in-negozjati ta' l-istatus fil-Kosovo u jenfasizza l-ħtieġa li jinstab riżultat bilanċjat u vijabbli dwar l-istatus futur tiegħu; jinkoraġixxi liż-żewġt iħħab li jużaw is-Summit ta' April 2007 sabiex japprovaw il-kunsens tagħhom dwar il-Pjan Ahtissari u li jkomplu d-djalogu tagħhom mal-partijiet kollha kkonċernati;
8. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti, fi ħdan il-qafas tan-NU, sabiex itejbu l-kooperazzjoni tagħhom u jaħdmu flimkien għal kundizzjonijiet aħjar li permezz tagħhom il-poplu Afgan jista' jgħix fil-paċi u fis-sigurtà fl-istat tad-dritt, b'governanza tajba u protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u jista' jgwadi mill-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli; jenfasizza li l-UE tibqa' impenjata biex tikkontribwixxi għall-paċi u l-istabilità fl-Afganistan; jenfasizza l-bżonn ta' strateġija konsolidata u kkoordinata tajjeb bejn l-imsieħba transatlantiċi;
9. Jenfasizza li l-iħħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO tibqa' l-garanti tad-difiża kollettiva, jilqa' l-ħila dejjem tikber tan-NATO li jkollha rwol f'operazzjonijiet barra l-post filwaqt li tirrealizza li koordinazzjoni mill-qrib fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari u ħaddiema mħarrġin tajjeb huma essenzjali għas-suċċess ta' missjonijiet futuri; iqis ukoll lin-NATO bħala l-forum xieraq għad-djalogu transatlantiku dwar kwistjonijiet ta' sigurtà;
10. Isostni li t-terroriżmu huwa wieħed mit-theddidiet ewlenin għas-sigurtà ta' l-Unjoni iżda għandu jkun miġġieled mingħajr ma' jkunu offiżi l-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u l-ħarsien ta' dawn, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba internazzjonali, u b'konformità ma' l-istrateġija stipulata min-Nazzjonijiet Uniti;
11. Jagħraf li l-qsim tad-dejta u ta' l-informazzjoni hija għodda prezzjuża fil-ġlieda internazzjonali kontra t-terroriżmu u l-kriminalità relatata, iżda jisħaq li garanziji qawwija tal-protezzjoni tad-dejta jiffaċilitaw il-qsim tad-dejta filwaqt li jassiguraw il-protezzjoni tal-privatezza, u li dan it-tip ta' skambju ta' dejta għandu fi kwalunkwe każ

ikun ibbażat fuq ftehimta internazzjonali jew aktar minn waħda simili fl-istruttura tagħhom għal dak tal-ftehimta KE/Stati Uniti dwar kooperazzjoni għuzżjarja fi kwistjonijiet kriminali u fl-estradizzjoni li fil-preżent qed tkun eżaminata mill-Kunġress;

12. Jemmen li hu neċessarju li jiddefinixxi qafas komuni u maqsum ma' l-Istati Uniti sabiex jissalvagwardja l-garanziji meħtieġa fis-sħubija speċjali UE-Stati Uniti fil-għlieda kontra t-terroriżmu, li tista' wkoll tittratta l-aspetti kollha li jikkonċernaw il-moviment ħieles tal-persuni bejn l-UE u l-Istati Uniti;
13. F'dan ir-rigward jenfasizza li l-ftehimta fuq żmien twil dwar it-trasferiment ta' rekords ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (Passenger Name Records - PNR) għandu jkun ibbażat fuq numru ta' salvagwardji, inkluż sistema PUSH, prinċipju ta' limitazzjoni bi skop ċar, sejba ta' adegwatezza fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali u protezzjoni tad-dejta kif xieraq għaċ-ċittadini ta' l-UE, inkluż l-aċċess għad-dejta tagħhom, bid-dritt ta' korrezzjoni u modifika, kif ukoll li jkollhom aċċess għal mekkaniżmu ta' rikors legali u għal awtorità indipendenti tal-protezzjoni tad-dejta;
14. Jinnota li l-ħolqien reċenti ta' Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u ta' rappreżentanti governattivi tad-Dipartiment tal-Ġustizzja ta' u tad-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti, li jikkostitwixxi qafas politiku għad-djalogu UE-Stati Uniti dwar miżuri ta' sigurtà, inklużi differenzi fl-approċċ għat-terroriżmu; iqis neċessarju li jassoċja l-Parlament Ewropew u l-Kunġress ta' l-Istati Uniti f'dan il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli, kif ukoll li jipubblika l-aġendi, il-minuti, id-dokumenti eżaminati u d-deċiżjonijiet meħuda tiegħu, sabiex jiżgura u jżid il-leġittimità demokratika u t-trasparenza tiegħu;
15. Ihegġegħ lill-Kunsill sabiex jipubblika dikjarazzjoni ċara u qawwija li titlob lill-Gvern ta' l-Istati Uniti sabiex iġib fit-tmiem il-prattika ta' arresti u konsenji straordinarji u li l-Gvern ta' l-Istati Uniti jintalab jagħti kjarifikazzjonijiet dwar l-eżistenza ta' ħabsijiet sigrieti barra t-territorju Amerikan;
16. Ifakkar fir-risoluzzjonijiet tal-Parlament li jitolbu li jingħalaq iċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Guantánamo Bay; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iħeġġu lill-Gvern ta' l-Istati Uniti jsib mekkaniżmu li jiffaċilita l-kundanna jew ir-rilaxx tal-persuni miżmuma b'arrest bi qbil mal-liġi internazzjonali; huwa mħasseb li l-eżistenza stess taċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Guantánamo Bay għadu jagħti sinjal negattiv ta' kif il-għlieda kontra t-terroriżmu qed tkun segwita;
17. Jemmen li s-sħubija ekonomika tranżatlantika għandha tkun żviluppata u msaħħa bit-tisħiħ ta' koordinazzjoni regolatorja u billi jitnaqqsu ostakoli oħra għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-kapital, l-investment dirett reċiproku u l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji; jenfasizza l-importanza tal-konverġenza tal-prattiki ta' sorveljanza bil-ħsieb ta' konsolidazzjoni kontinwa tal-boroż tranżatlantiċi; jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' Basel II mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti kif ukoll ir-rikonossiment reċiproku ta' l-IFRS ('International Financial Reporting Standards') mis-SEC;

18. Ifakkar fir-rapporti Mann u Brok dwar is-suq tranżatlantiku u jilqa' b'sodisfazzjon l-idea li jinħoloq dan is-suq sa l-2015 biex jiżviluppa l-potenzjal sħiħ tas-sħubija ekonomika tranżatlantika; ifaħħar lill-Presidenza Ġermaniża għall-isforzi tagħha f'dan ir-rigward; jitlob lill-UE u lill-Istati Uniti sabiex jużaw l-opportunità tas-Summit ta' April 2007 sabiex flimkien jifformulaw kalendarju li jorbot sabiex dan l-għan jintlaħaq sa l-2015;
19. F'dan ir-rigward ifaħħar il-ftuħ mill-ġdid tad-Doha Round tat-taħditiet dwar il-kummerċ globali u l-impenn tal-membri tiegħu biex iressqu 'l quddiem b'mod sinifikattiv in-negozjati; jenfasizza l-ħtieġa ta' riżultat ibbilanċjat u trasparenti u l-importanza ta' kooperazzjoni kostruttiva bejn l-UE u l-Istati Uniti f'żoni sensitivi;
20. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' kompetizzjoni fis-suq ta' valutazzjonijiet ta' debitaturi u jirrakkomanda li jiddaħħlu kompetenzi ġodda għall-valutazzjoni ta' prodotti finanzjarji ġodda u innovattivi;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-President u lill-Kungress ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.